**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD: 6.09.09: IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD TAS-SENA**
**IT-TNEJN, 7.09.09:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
**Fis-6.00p.m**. ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**IT-TLIETA, 8.09.09.: FESTA TAT-TWELID TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA. (Il-Vitorja)**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa
Il-quddies illum ikun bħal nhar ta' xogħol, pero' jkun hawn quddiesa oħra fil-11.00a.m.
**IS-SIBT, 12.09.09:** Tifkira ta' l-Isem Imqaddes tal-Verġni Marija.
**IL-ĦADD, 13.09.09: L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies se tkun għar-restawri tal-knisja.

---

**DATI li għandek iżżomm:**

- 21 ta' Settembru se jsir High Tea fil-pjazza
- 22, 23, 24 ta' Settembru tliet ijiem ta' spiritwalita' li jkunu bi tħejjija għas-Sena Pastorali li ġejja. Dawn il-laqgħat se jsiru ħdejn il-post tal-Museum.

Il-Programm ta ' dawn l-laqgħa ta' spiritwalita' se nagħtuhomkom fil-Bullettin tal-ġimgħa d-dieħla
Żommu dawn il-ġranet liberi biex kulħadd jieħu sehem.

**IS-SENA DEDIKATA LIS-SAĊERDOTI**
Matul din is-sena dedikata lis-saċerdoti wieħed iħossu fid-dmir li jitlob biex ikun hawn iktar vokazzjonijiet kemm fil-parroċċa tagħna u anke fil-Knisja universali.

## DETTALJI ŻGĦAR LI JGĦINUNI GĦALL-LAQGĦA TIEGĦI MA' KRISTU FIL-LITURĠIJA TA' JUM IL-MULEJ

Hija grazzja kbira li wieħed ikun mistieden minn Ġesu' stess biex jieħu sehem miegħu fl-Ikla Ewkaristika. Din l-okkażjoni hija festa flimkien mal-familja tal-parroċċa, biex bħala poplu ta' Alla nħossu l-preżenza Tiegħu fostna u jkollna l-esperjenza tal-paċi tiegħu. Għalhekk huwa mportanti li wieħed ikun mħejji tajjeb għal din il-laqgħa.

1. Meta se tidħol fil-knisja iftaħ u għalaq il-bieb bil-mod biex ma' ttellifx mill-attenzjoni ta' l-oħrajn.
2. Int u dieħel, agħmel l-ilma mbierek b'sinjal ta' ndiema biex tkun safi għal-laqgħa tiegħek ma' Alla.
3. Issa li dħalt fil-knisja, ftakar li hemm preżenza ħajja ta' Ġesu' fl-Ewkaristija. Għalhekk agħmel att ta' reverenza (ġenuflessjoni) b'sinjal ta' qima u rispett.
4. Invista lil Ġesu' bit-talb f'qalbek jew inkella oqgħod għal xi ħin fis-skiet u ħalli lil Ġesu' jkellmek.
5. Ġib quddiem għajnejk x'inhi l-quddiesa : l-offerta sħiħa ta' Ġesu' għall-fidwa tagħna u l-offerta tagħna lil Alla. Hekk tkun taf aħjar x'se tiċċelebra waqt il-quddiesa.
6. Ħu sehem ħaj billi tqum bil-wieqfa, toqgħod għarkubtejk jew bil-qegħda skont il-ħtieġa.
7. Itlob mal-komunita' billi tirrispondi u anke billi tkanta. Qatt tgħid "dak l-innu nafu" u ma taqbadtx l-ktieb tal-kant. Sib l-innu u mexxi miegħu. Dan jgħinek biex tgħid aħjar il-kliem, iżommlok l-attenzjoni, u tidħol iktar fl-ispirtu ta' talb.
8. Fil-Knisja evita kull kelma bla bżonn u kull ċaqlieqa jew ħars 'l hawn u 'l hemm.
9. Żomm l-ordni waqt it-tqarbin u fl-imġieba tiegħek
10. Ara li jkollok ilbies xieraq u dinjituż għal ġol-knisja.